

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Ġunju 2014

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Malta/Central Bank of Malta

(2014/370/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2014/20 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' April 2014 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Malta ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Bank Ċentrali ta' Malta/Central Bank of Malta skada wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2013. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni ġodda mis-sena finanzjarja 2014.
- (3) Il-Bank Ċentrali ta' Malta/Central Bank of Malta għażel lil PricewaterhouseCoopers bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2014 sa 2018.
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rakkomanda li PricewaterhouseCoopers jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Malta/Central Bank of Malta għas-snin finanzjarji 2014 sa 2018.
- (5) Huwa adatt li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ⁽²⁾ tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(15) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“15. PricewaterhouseCoopers huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Malta/Central Bank of Malta għas-snin finanzjarji 2014 sa 2018”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 122, 25.4.2014, p. 1.

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kunsill
Il-President
G. KARASMANIS
